MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 437/1988/1

**Mario Bezzina**

**Vs**

**Albert Mizzi u Anthony Meilaq bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tigne Development Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ppremetta illi

Peress illi bi ftehim bejn il-partijiet tat-30 ta' Marzu 1987 s-socjeta` konvenuta appaltat xogholijiet ta' kostruzzjoni u

xoghol iehor konness fil-Holiday Inn Beach Concession, f’Tigne, Sliema.

U peress illi dawn ix-xogholijiet kellhom isiru skond l-ispecifikazzjonijiet u jithallsu bir-rati miftehma bejn il-partijiet fil-bill of quantities (Dok ‘A’).

U peress illi sussegwentement l-istess socjeta` konvenuta appaltat xoghol ulterjuri ta’ natura simili lill-attur liema xoghol kellu jithallas in parti bl-istess rati miftehma fil-bill of quantities (Dok A) u in parti skond kif miftehma direttament bejn il-periti taz-zewg partijiet, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni.

U peress illi l-attur esegwixxa x-xogholijiet kollha lilu appaltati u ghandu ghalhekk jithallas minghand is-socjeta` konvenuta total ta’ erba u sebghin elf u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm74078).

U peress illi s-socjeta` konvenuta hallset biss tlieta u hamsin elf, sitt mija u tmenin lira Maltin (Lm53680) u ghalhekk ghad ghandha tati lill-attur il-bilanc ta’ ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u disghin lira Maltin (Lm20398), izda baqghet inadempjenti nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Jghidu il-konvenuti nomine ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti

(1) tikkundannhom fil-kapacita taghhom premessa sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ Lm20,398 bilanc dovut kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Awissu 1987, tas-sekwestru kawtelatorju numru 702/88, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nominee ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 5 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 15 tal-process fejn jeccepixxu:**

Preliminarjament l-azzjoni attrici hi legalment insostenibbli in kwantu kif pattwit bejniethom fil-“Conditions of Contract” f’kaz ta’ disputa id-decizjoni tal-arkitett hi “final and binding and without any recourse to the courts of law”, u, kif inhu pacifiku, f’materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti.

Fit-tieni lok u fil-meritu, bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti nomine m’ghandhomx ihallsu l-ammont reklamat mill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza preliminari  a fol 145 u 183;

Rat id-degriet li bih gie nominat il-perit Fredrick Doublet biex jirrelata fuq il-materja teknika involuta;

Rat ir-rapport tieghu a fol. 264 flimkien ma l-inkartament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din l-kawza tirrigwarda *tende*r li l-attur tefa ghal Holiday Inn beach *concession* liema *tender* huwa hadu skond *letter of acceptance* Dok  a fol 18 u dawn ix-xogholijiet kellhom jispiccaw mhux aktar tard mill-15 ta’ Mejju 1987. Apparti dana kien ukoll sar xi xoghol addizzjonali li ma kienx kontemplat fit-*tender*. Wara li tkejjel ix-xoghol irrizulta li kien hemm nuqqas ta’ qbil, partikolarment dwar il-prezzijiet ta’ l-alterazzjonijiet u addizzjonijiet.

Marcel Casolani xehed li meta gie prezentat il-*Final Account* mill-Air Malta l-attur ma kienx qabel mieghu ghal

diversi ragunijiet u d-divergenzi principali kienu fuq ix-xoghol imsejjah "*extra*" cjoe dak li ma kienx inkluz fil-*bill of quantities* originali. L-attur ghalhekk kien issottometta "Memorandum" Dok MB2 a fol. 364 fejn indika dettaljatament fejn ma kienx qed jaqbel mal-*Final Account*. Sussegwentement l-Air Malta ssottomettew *Revised Final Account* (Dok MC1) li kien jilqa' uhud mill-ilmenti ta' l-attur pero' xorta wahda ma kienx accettabili ghal kollox.

Is-socjeta' konvenuta ppreparat Dok MG2 fejn gew emendati u paragonati mal-*Final Account Report* l-ammonti imsemmija fid- Dok MB2 inkluzi r-rimarki u tnaqqis ta' "*penalty and cost of remedial works*".

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti sema x-xhieda miz-zewg nahat jispjegaw fejn ma kienux jaqblu u ghaliex u x-xhieda taghhom giet riprodotta fir-relazzjoni tieghu. L-attur sostna li certi prezzijiet ta' *items* gew stabbiliti verbalment mal-konsulenti tas-socjeta' konvenuta qabel beda x-xoghol fuqhom mentri s-socjeta' konvenuta tirritjeni li l-prezzijiet ta' dawn l-*items* hargithom mill-*Bills of Quantities* jew direttament jew minn *items* simili. Il-Perit osserva li nonostante l-mod professjonali ta' kif saru *l-Conditions of Contract, Specifications*, u *Bill of Quantities*, li minnhom l-attur gie muri biss il-*Bills of Quantities*, la l-attur u lanqas is-socjeta' konvenuta ma mxew kif kellhom jimxu dwar il-varjazzjonijiet. Ma jidhirx li nzammu minuti ta' *site meetings* minn ebda wahda mill-partijiet.

Il-Perit tekniku mbaghad ghadda biex ezamina l-posizzjoni li l-partijiet hadu u pprepara tabella komparattiva li fiha nkluda dawk il-prezzijiet li skond hu ghandhom jinghataw. Din qeda a fol 350 u 351. Fil-paragrafu 45:4 sa 45:7 indika x'jirraprezentaw il-figuri; imbaghad fil-para 46:0 sa 46:16 tah r-ragunijiet ghal prezzijiet li skond hu ghandhom jinghataw. Il-Qorti ezaminat dawn il-kalkoli u prezzijiet, u minhabba n-natura prettament teknika taghhom taghmilhom taghha.

Il-Perit ikkonkluda li b'riferenza ghal dok a fol 36 cjoe l-*Final Account Summary*, din ghandha tigi emendata kif gej:

Total amount tal-Final Account Lm 59,204.71
Ammont li jrid jizdied (Ref: Tabella Komp. A)
Kaxxa R 25 – Kaxxa 125
Lm 18,441.70 – Lm 13,724.21 Lm 4,717.49
Bilanc Lm 63,922.00

Naqqas *Penalty for delay* Lm 910.00
Naqqas *Remedial Works* Lm 807.00
Ammont totali Lm 62,204.70
Ammont imhallas sal-bidu tal-kawza Lm 53,680.00

**Bilanc dovut lill attur** **Lm 8,524.70**

Illi l-Avukati difensuri qablu mal-konkluzzjonijiet tekniki tal-perit u ma saret ebda kontestazzjoni dwarhom.

Il-konvenuti ssottomettew li huma kienu sostnew (ara dikjarazzjoni fic-citazzjoni) li l-attur kellu jiehu biss Lm3,635 mentri l-perit tahom biss Lm8,524.70 differenza ta' kwazi Lm5,000.00 u li l-perit accetta taqqis ghal penali ghal *delay* u *remdial works*. Dwar imghax sostnew li dawn huma dovuti mid-data tas-sentenza.

Minn naha l-ohra l-attur issottometta li l-attur inghata ragun in parte u l-imghax hu dovut mid-data ta' meta tlesta x-xoghol u rrileva li l-konvenuti ma ddepozitaw ebda flus il-Qorti.

Illi skond gurisprudenza ta' dawn il-Qrati in materja ta' imghax, il-massima li l-imghax ma jiddekorrix sakemm il-

kreditu dovut ma jkunx likwidu, mhux wahda assoluta u tista tigi modifikata anke fuq bazi ta' ekwita' meta c-circostanzi hekk ikunu jirrikjedu. Jekk fic-citazzjoni jintalab hlas ta' somma determinata (bhala ma hu f'dana l-kaz) bl-imghax minn certa data specifikata fl-istess citazzjoni, u l-Qorti tiddeciedi li tilqa' t-talba kif dedotta, imma ghal somma izghar minn dik mitluba, minghajr ma tghid xejn dwar l-imghax, ghandu jiftiehem li l-imghax huwa dovut mid-data specifikata fic-citazzoni u mhux mid-data tas-sentenza biss fuq is-somma kif ridotta fl-istess sentenza (ara sentenza Vol LXXX111 p2 p 87 Montebello vs Xuereb).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament ghas-somma ta' tmient elef hames mija erbgha u ghoxrin lira u sebghin centezmu (Lm8,524.70)
Bl-ispejjez kwantu ghal zewg terzi ghall konvenuti u terz ghall attur
Bl-imghax fuq l-ammont imsemmi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------